# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-27 ta' Gunju, 2017.**

**Rikors Numru 683/2010 SM**

**Mary Agius**
**(I.D. No: 583962 (M))**

**vs.**

***The Nuance Group (Malta) Limited***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-7 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi kienet impjegata bhala *sales assistant* fuq bazi *full-time*;

1.2. Illi minhabba x-xoghol taghha sofriet dizabilita` permanenti f'dahra;

1.3. Illi ghal dan hi unikament responsabbli s-socjeta` intimata *stante* li naqset li tiehu dawk il-mizuri necessarji li setghu jevitaw tali dizabilita`;

1.4. Illi ghalkemm interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 5 u 6);

1.5. Illi *ai termini* tal-artiklu 16.1. tal-ftehim kollettiv bejn il-partijiet, kellha dritt ghal somma flus wara li s-socjeta` intimata tkun waqqfet Bord Mediku biex jiddeciedi jigix terminat l-impjieg taghha in konsegwenza ta' mard jew korriment;

1.6. Illi ghalkemm interpellata biex tappunta l-imsemmi Bord Mediku, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.7. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi unikament responsabbli ghad-dizabilita` permanenti tar-rikorrenti;

1.7.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bin-nomina ta' periti *nominandi*;

1.7.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti dik is-somma li tigi hekk likwidata;

1.7.4. Illi fin-nuqqas, tordna lis-socjeta` intimata biex *ai termini* tal-artiklu 16.1. tal-Ftehim Kollettiv, tappunta Bord Mediku biex ir-rikorrenti tigi *"boarded out"*, u tinghata dik is-somma li hi ghaliha eligibbli *ai termini* tal-istess artiklu,

senjatament, *“lump sum”* ekwivalenti ghal sena u nofs paga;

1.7.5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

1.7.6. Salv kull dritt ghal azzjoni ulterjuri skont il-ligi;

2. Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat id-29 ta’ Lulju, 2010, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh fid-data hemm indikata, (ara foll 7), flimkien mad-digriet ulterjuri tal-istess data li permezz tieghu indirizzat lill-partijiet bil-mod li kellhom jipprocedu, (ara foll 8);

3.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata s-27 t’Awwissu, 2010, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 13):

3.1. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma preskritti *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3.2. Illi rizultat tal-problema f’dahra, r-rikorrenti bdiet tutilizza s-*“sick leave”* taghha mill-1 ta’ Jannar, 2006;

3.3. Illi konsegwentement, kwalsiasi incident li kkawza l-istat ta’ sahha tar-rikorrenti, ma seghax ikun aktar tard mill-bidu tal-2006;

3.4. Illi l-ittra ufficjali tar-rikorrenti fir-rigward giet ipprezentata fit-8 ta’ Lulju, 2009, senjatament, ’l fuq minn tliet (3) snin wara l-allegat korriment, (ara foll 5);

3.5. Illi r-rikorrenti qatt ma irreferit ghal xi incident partikolari li seta’ ikkawza d-dizabilita` rikjamata, u lanqas ma tirreferi ghall-perjodu li fih soffriet l-inkapacita`;

3.6. Illi l-ewwel darba li s-socjeta` intimata giet a konoxxenza tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti kien tramite l-imsemmija ittra ufficjali, (ara paragrafu numru tlieta punt erbgha, (3.4.), aktar qabel;

3.7. Illi ghalkemm uzat is-"sick leave" kollu taghha u infurmat lis-socjeta` intimata li kellha problemi f'dahra, qatt m'accennat li dawn kienu relatati mal-impjieg taghha qabel l-imsemmija ittra ufficjali;

3.8. Illi r-rikorrenti qatt ma ghamlet rapport dwar korriment fuq ix-xoghol;

3.9. Illi qatt m'applikat ghall-benificcji socjali minhabba korriment kif kienet intitolata;

3.10. Illi qatt ma indikat xi incident li seta` wassal ghal problema f'sahhitha;

3.11. Illi m'hemm l-ebda ness bejn l-istat ta' sahhet ir-rikorrenti u l-impjieg taghha mas-socjeta` intimata;

3.12. Illi l-assenza tar-rikorrenti mix-xoghol kienet dejjem indikata bhala *"sick leave"* u mhux bhala *"injury leave"*;

3.13. Illi s-socjeta` intimata dejjem applikat il-livelli ta' sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol skont il-ligi, u qatt m'esponiet lill-impjegati ghal xi riskji;

3.14. Illi kwalsiasi dizabilita` sofferta mir-rikorrenti ma gietx ikkawzata waqt ix-xoghol jew in konsegwenza tal-istess;

3.15. Illi kieku wegghet waqt ix-xoghol kellha l-obbligu li tavza lis-socjeta` intimata;

3.16. Illi kien biss:

3.16.1. Tliet (3) snin wara l-allegata dizabilita`; u

3.16.2. Illi hu biss issa wara li gie ezawrit is-*"sick leave"* tar-rikorrenti, li qeghda issa id-dizabilita` allegata mal-post tax-xoghol taghha;

3.17. Illi wara li gie kostitwit it-tieni (2) Bord Mediku mis-socjeta` intimata li r-rikorrenti kienet informata li s-socjeta` assikuratrici ma kienitx ser tkopri lill-istess;

3.18. Illi di piu`, r-rikorrenti irrifjutat li tissottometti ruhha ghall-intervent kirugiku suggerit lilha, u irrifjutat anke li tirritorna ghax-xoghol;

3.19. Illi s-socjeta` intimata irrispettat ir-regoli naxxenti mill-ftehim kollettiv;

3.20. Illi kemm- il darba r-rikorrenti kellha xi ilment fir-rigward, din kellha tistitwixxi proceduri quddiem il-forum kompetenti;

3.21. Illi fi kwalunkwe kaz, l-artiklu 16.1. tal-ftehim kollettiv ma japplikax ghal kaz odjern u r-rikorrenti mhix intitolata ghar-rimedju minnha mitlub;

3.22. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3.23. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-24 ta' Settembru, 2010, li permezz tieghu innominat lill-espert mediku hemm indikat, (ara foll 20 u 43);

5. Rat id-digriet tal-istess qorti datat ukoll l-24 ta' Settembru, 2010, li permezz tieghu innominat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 20 u 45);

6. Rat id-digriet taghha kif issa ppreseduta datat l-24 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju fuq riferita biex tirritorna l-inkartament fl-atti tal-procedura odjerna, (ara foll 146);

7. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 224), u kif sussegwentement estiza, (ara foll 243);

8. Rat in-nota t'osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata l-15 ta' Marzu, 2016, (ara foll 225), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata datata l-14 ta' Frar, 2017, (ara foll 248);

9. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti kollha, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti *in atti* u x-xhieda mismugha minn din l-istess qorti diversament preseduta;

11. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jinfurmaw lill-qorti li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

12.1. Illi r-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta` intimata bhala *sales assistant* fuq bazi *full time*, (ara foll 24, 47 u 166) ghalkemm fuq il-formola appozita tal-impjieg l-istess rikorrenti giet indikata li kienet impjegata bhala *"clerk"*, (ara foll 166);

12.2. Illi skont l-istess formoli tal-ETC ir-rikorrenti hi indikata li giet hekk ingaggata mas-socjeta` intimata fit-23 ta' Marzu, 2006, (ara foll 166), u l-impjieg gie terminat fit-3 ta' Mejju, 2009, (ara foll 24);

12.3. Illi qabel id-dati indikati fil-paragrafu precedenti r-rikorrenti kienet impjegata fl-istess xoghol mis-socjeta` *Air Supplies & Catering Company Limited*, u dan mill-1 ta' Frar, 1992, (ara foll 165);

12.4. Illi meta s-socjeta` intimata bdiet topera minflok is-socjeta` li ipprecedieta, l-hinijiet tax-xoghol inbidlu u saru aktar restringenti, (ara foll 47);

12.5. Illi r-rikorrenti ssosstni li rizultat tas-sighat li bdiet taghmel bilwieqfa, bdiet thoss ugigh in-naha t'isfel ta' dahra, (ara foll 47);

12.6. Illi rizultat tal-istess issosstni li sofriet disabilita` permanenti f'dahra li ghaliha tahti s-socjeta` intimata *stante* li din naqset li tiehu dawk il-mizuri necessarji li

setghu jevitaw il-konsegwenzi riskontrati, (ara foll 47 u 48);

12.7. Illi rizultat tal-istess, wara tliet (3) operazzjonijiet f'dahra, r-rikorrenti giet rinfaccata bl-ghazla li jew tirritorna ghax-xoghol wara t-3 ta' Mejju, 2009, jew tigi kkonsidrata li tterminat l-impjieg taghha, (ara foll 49);

12.8. Illi konsegwenza tal-istess hasset li ma kelliex alternattiva hlief li tintroduci l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

13.1. Illi l-azzjoni odjerna hi preskritta, (ara foll 13 u paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1.), aktar qabel);

13.2. Illi r-rikorrenti qatt ma ghamlet xi referenza ghal xi incident partikolari li seta' ikkawza d-dizabilita` reklamata, (ara foll 13 u paragrafu numru tlieta punt hamsa, (3.5.), aktar qabel);

13.3. Illi giet informata li l-kawza tad-dizabilita` reklamata mir-rikorrenti setghet kienet relatata max-xoghol, (ara ittri ufficjali a foll 5 u 6), izda mhux qabel, u ghalhekk l-ewwel darba li s-socjeta` intimata giet a konoxxenza tal-istess kien f'Lulju, 2009, (ara foll 5);

13.4. Illi dejjem irrispettat il-ligijiet rigwardanti is-sahha u s-sigurta` tal-impjegati fuq il-post tax-xoghol, (ara foll 14 u paragrafu numru tlieta punt tlettax, (3.13.), aktar qabel);

13.5. Illi kwalunkwe dizabilita` fizika sofferta mir-rikorrenti:

13.5.1. La giet ikkawzata waqt l-impjieg tar-rikorrenti, (ara foll 14 u paragrafu numru tlieta punt erbatax, (3.14.), aktar qabel), u

13.5.2. Lanqas hi rizultat tax-xoghol ezercitat mill-istess rikorrenti, (ara foll 14, u paragrafu numru tlieta punt erbatax, (3.14.), aktar qabel);

13.6. Illi s-socjeta` intimata dejjem irrispettat il-ftehim kollettiv vigenti bejn il-partijiet, (ara foll 15 u paragrafu numru tlieta punt dsatax, (3.19.), aktar qabel);

13.7. Illi l-forum kompetenti hu t-Tribunal Industrijali u mhux il-qorti odjerna, (ara foll 15 u paragrafu numru tlieta punt ghoxrin, (3.20.), aktar qabel);

13.8. Illi l-artiklu 16.1. tal-ftehim kollettiv, (ara foll 23), ma japplikax ghall-kaz odjern, u allura r-rikorrenti mhix intitolata ghar-rimedju hemm prospettat, (ara foll 15 u paragrafu numru tlieta punt wiehed u ghoxrin, (3.21.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

14. Illi l-espert mediku nominat ipprezenta r-relazzjoni tieghu fil-11 ta' Jannar, 2012, u irrelata sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 135):

14.1. Illi fl-2006 r-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta` *Air Supplies*, (ara paragrafu numru tnax punt tlieta, (12.3.), aktar qabel), bhala *sales assistant*;

14.2. Illi ghall-habta t'Awwissu 2006, marret tara specjalista tas-sinsla tad-dahar ghaliex beda jugaghha darha li kien ukoll jinzel lejn saqajha tax-xellug, (ara foll 135);

14.3. Illi t-tabib tax-xoghol li ezaminha kien qalilha li kellha muskolu migbud minn dahra;

14.4. Illi fl-istess perjodu kienet tahdem ghaxar (10) sighat bilwieqfa, (ara foll 135);

14.5. Illi r-rikorrenti harget bis-*sick leave* f'Ottubru, 2006, (ara foll 135);

14.6. Illi wara perjodu qasir rikoverata fi sptar bdiet taghmel il-fizjoterapija u ghamlet l-akupuntura, (ara foll 135);

14.7. Illi f'Jannar, 2007, ghamlet operazzjoni, bdiet gejja ghall-ahjar, u dahlet lura ghax-xoghol fl-1 ta' Gunju, 2007, (ara foll 135);

14.8. Illi f'Awwissu tal-istess sena bdiet thoss ugigh fil-pexxun tax-xellug, (ara foll 135);

14.9. Illi f'Settembru, 2007, ir-rikorrenti ziedet in-numru ta' sighat ta' xoghol minn 20 ghal 30 fil-gimgha, (ara foll 135);

14.10. Illi wara *MRI* f'darha kondotta fil-5 ta' Settembru, 2007, irrizulta li kellha xi problema f'*disc* li kien fl-istess livell ta' fejn kienet operata, (ara foll135);

14.11. Illi r-rikorrenti regghet giet operata fit-30 t'Ottubru, 2007, (ara foll 135);

14.12. Illi r-rikorrenti xorta baqghet tbati bl-ugigh u minn *MRI* sussegwenti irrizulta li kellha problema ohra f'*disc* iehor f'post differenti, (ara foll 135);

14.13. Illi wara li giet invistata minn specjalista fuq inizjattiva tas-socjeta` intimata, r-rikorrenti giet infurmata li kellha bzonn operazzjoni ohra, (ara foll 135);

14.14. Illi regghet rat lill-istess specjalista li ccertifika li r-rikorrenti ma kienitx tajba ghax-xoghol, (ara foll 135);

14.15. Illi pero` s-socjeta` intimata irrifjutat li taccetta din il-posizzjoni tar-rikorrenti u tatha struzzjonijiet biex tirritorna ghax-xoghol, (ara foll 135);

14.16. Illi eventwalment ir-rikorrenti giet *boarded out* minn *board* tal-gvern, (ara foll 136);

14.17. Illi meta ezaminata medikalment irrizulta is-segwenti, (ara foll 136):

14.17.1. Illi l-mixja taghha kienet normali;

14.17.2. Illi setghet kemm titla' fuq il-ponta ta' subghajha u fuq l-gharqub u timxi ftit passi hekk;

14.17.3. Illi fil-massa tal-muskoli taz-zewg saqajn seta' kien hemm xi *washing*;

14.17.4. Illi l-*forward* u *lateral flexion* kienu 75% tan-normal;

14.17.5. Illi s-sahha muskolari taz-zewg saqajn kienet normali;

14.17.6. Illi mill-*X-ray* tas-sinsla jirrizulta li r-rikorrenti ghandha *herniation* u protuberazzjoni;

14.18. Illi rizultat tal-istess analizi medika gie sintetikament konkluz is-segwenti, (ara foll 137):

14.18.1. Illi r-rikorrenti ghandha storja twila ta' problemi f'dahra ikkwazati minn *prolapsed disc*;

14.18.2. Illi kienet sottomessa ghal zewg operazzjonijiet;

14.18.3. Illi r-rikorrenti baqghet issofri minn xi problemi;

14.18.4. Illi kienet thoss ugigh minn qabel Awwissu, 2006, izda qatt ma hadet parir ta' tabib jew *X-ray* ta' dahra;

14.18.5. Illi hu difficli li wiehed jipprova l-kawza u l-effett fir-rigward tax-xoghol taghha u l-problema ta' dahra;

14.18.6. Illi mhux eskluz li *repetitive heavy manual work* jikkawza problemi simili riskontrati fir-rikorrenti;

14.18.7. Illi l-istess espert mediku finalment ikkonkluda li:

> "...ma nahsibx ix-xoghol li kienet taghmel Ms. Agius fl-2006 kien dan it-tip ta' xoghol";

14.19. Illi d-dizabilita` illum riskontrata fir-rikorrenti hi ta' 13%, (ara foll 137);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` intimata rigwardanti l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 fuq riferit, jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi fil-procedura odjerna r-rikorrenti tissottometti is-segwenti:

15.1.1. Talba ghad-danni minnha sofferti minhabba d-dizabilita` riskontrata, u ghall-likwidazzjoni tal-istess, u

15.1.2. Talba ghall-hlas ta' somma naxxenti mill-artiklu 16 tal-ftehim kollettiv in dizamina, senjatament ukoll biex tappunta *Bord Mediku* biex ir-rikorrenti tigi *boarded out*;

15.2. Illi jigi sottolineat li ghat-talba numru 4 tar-rikorrenti, (ara foll 2), tapplika l-preskrizzjoni naxxenti mill-artiklu 2156(f) tal-Kap 16 *de quo*, senjatament ta' hames (5) snin, u mhux dik eccepita mis-socjeta` intimata, (ara foll 13);

15.3. Illi fid-dawl tal-konkluzjoni tal-perit tekniku nominat li d-dizabilita` riskontrata fir-rikorrenti hi ta' tip li l-origini taghha ma jistax jigi individwat bi precizjoni konsegwentement, lanqas id-data ta' meta kellha tibda tiddekorri l-preskrizzjoni ma tista' tigi individwata;

15.4. Illi jirrizulta assodat li r-rikorrenti bdiet ma tirraportax ghax-xoghol fil-bidu tas-sena 2006, (ara foll 47 u 81);

15.5. Illi in vista tal-istess qieghed jigi stabbilit li l-ugigh tar-rikorrenti zviluppa ghalhekk fl-2006;

15.6. Illi *stante* li jirrizulta li l-ugigh li minnu r-rikorrenti kienet qed tbaghti kien wiehed ta' natura kontinwa u jirrizulta li kien qieghed isir aghar biz-zmien;

15.7. Illi konsegwentement, in vista tan-natura tad-dizabilita` allegata u kif fuq deskritta, t-terminu tal-preskrizzjoni qieghed jittiehed bhala li jibda jiddekorri minn meta gie tterminat l-impjieg tar-rikorrenti, senjatament it-3 ta' Mejju, 2009;

15.8. Illi jirrizulta wkoll is-segwenti:

15.8.1. Illi r-rikorrenti baghtet zewg ittri interpellatorji, wahda datata t-8 ta' Lulju, 2009, (ara foll 5), u ohra datata l-14 t'Ottubru, 2009, (ara foll 6);

15.8.2. Illi l-procedura odjerna giet intavolata fis-7 ta' Lulju, 2010, (ara foll 1);

16. Illi konsegwenza tal-istess jirrizulta pacifiku li l-procedura odjerna giet intavolata *entro* l-perjodu preskrittiv;

17. Illi konsegwentement din l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi fir-rigward tar-raba' risposta tas-socjeta` intimata, essenzjalment dik rigwardanti n-ness bejn id-dizabilita` u l-impjieg in dizamina, jinghad sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi r-rikorrenti hi obbligata tipprova n-ness bejn l-agir tas-socjeta` intimata u d-danni sofferti mir-rikorrenti kif minnha allegat;

18.2. Illi f'dan ir-rigward l-istess espert mediku nominat ikkonkluda li hu difficli li wiehed jipprova l-kawza u l-effett, (ara foll 137 u paragrafu numru erbatax punt tmintax punt hamsa, (14.18.5.), aktar qabel);

18.3. Illi di piu`, l-istess espert mediku jikkonkludi li x-xoghol li kienet taghmel ir-rikorrenti ma jikkwalifikax bhala *repetitive heavy normal work*, u ghalhekk ix-xoghol li r-rikorrenti kienet taghmel ma setghax jikkaguna tali dizabilita` riskontrata fuqha, (ara foll 137);

19. Illi l-qorti hi sodisfatta li l-istess espert mediku qeda' d-doveri tieghu skont l-ahjar abilita` tieghu u m'ghandha l-ebda raguni ghaliex m'ghandiex tistrieh fuq l-istess konkluzjonijiet tal-imsemmi espert mediku, u taghmilhom taghha;

Ikkunsidrat:

20. Illi ghalhekk din il-qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti naqset li tipprova r-rabta necessarja bejn ix-xoghol li hi kienet tespleta mas-socjeta` intimata u d-dizabilita` riskontrata, u ghalhekk, mad-danni riskontrati;

Ikkunsidrat:

21. Illi fid-dawl tas-suespost, din il-qorti wkoll hi prekluza milli takkolla lis-socjeta` intimata b'responsabbilita` jew bi htija fir-rigward, meta lanqas l-espert mediku ma seta' jitfa' tali responsabbilita` fuqha;

22. Illi di piu`, lanqas minn analizi tat-tabib prodott mir-rikorrenti stess ma jista' jigi stabbilit dan in-ness essenzjali fir-rigward, senjatament meta l-istess tabib isosstni li:

> "...the problem could have been there years before. I do not know how long the problems were there...", (ara foll 96);

Ikkunsidrat:

23.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li minn analizi tar-rizultanzi jirrizulta sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi ma giex stabbilit b'certezza x'ikkawza l-kundizzjoni tar-rikorrenti, li *di piu`* intqal li kienet ukoll tbati bl-iskoljosi, (ara foll 96);

23.2. Illi konsegwentement ghandha tigi akkolta r-raba' eccezzjoni tas-socjeta` intimata *stante* li ma rrizultax pozittivament assodat li d-dizabilita` sofferta mir-rikorrenti kienet ikkawzata direttament bhala rizultat tax-xoghol tar-rikorrenti mal-istess socjeta`;

Ikkunsidrat:

24.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqset li tipprova t-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement, tiddikjara s-segwenti:

**DECIDE:**

24.1. Illi ghar-ragunijiet specifici fuq esposti, (ara paragrafu numru hmistax, (15.), aktar qabel), tirrespingi l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata;

24.2. Illi mill-kumplament:

24.2.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

24.2.2. Takkolji r-risposti rimanenti tas-socjeta` intimata;

24.3. Illi rigward l-ispejjez ta' din il-procedura dawn ghandhom jinqasmu fil-kwoti hawn assenjati:

24.3.1. Sehem min hamsa, (1/5) ikun a karigu tas-socjeta` intimata; u

24.3.2. Ir-rimanenti erbat ishma minn hamsa, (4/5), ikunu a karigu tar-rikorrenti.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**